# IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX*

**Novembru - Diċembru 1993** *Nru. 75*


*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# Rigal li għadu jgħodd sa' llum

Fl-Italja nsibu drawwa sabiħa li forsi f'pajjiżna għadha ma tantx qabdet. Qed ngħid għad-drawwa li t-Taljani għandhom li jiċċelebraw l-*Onomastico* tagħhom, jiġifieri Jum il-Qaddis jew Qaddisa li tiegħu jew tagħha jġibu l-isem. F'din il-ġurnata, barra li jibgħatu l-isbaħ xewqat lill-persuna li tkun, jagħtuha ukoll xi rigal b'tifkira.

Fiż-żmien li fih kien jgħix Don Bosco din id-drawwa kienet mifruxa sewwa. It-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-Oratorju kienu jinġabru madwar Don Bosco fil-festa ta' San Ġwann Battista, l-24 ta' Ġunju, u wara li kienu jixtiequlu l-isbaħ xewqat kienu joffrulu xi ħaġa żgħira mill-faqar tagħhom. Din il-ħaġa kienet ferm għall-qalb ta' Don Bosco.

Darba waħda, xi ħmistax il-ġurnata qabel din il-Festa, billi kien jaf sew li ma tantx kellhom x'jagħtuh, Don Bosco qalilhom li għal dik is-sena kien ser jibdel l-użanza li kellhom u flok ma jagħtuh huma, kien lest li jagħtihom rigal kull wieħed hu. Għalhekk talabhom sabiex jiktbu fuq biċċa karta l-isem u l-kunjom tagħhom, u jniżżlu ukoll x'jixtiequ.

Kien hemm minn ħadha biċ-ċajt u talbu affarijiet li jiswew ħafna u ħafna flus, għax kienu jafu li Don Bosco żgur li mhux ser jisma' x-xewqa

*ikompli f'paġna 6*

## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN
## FIL-BAŻILIKA TAGĦNA

● **GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:**

Mit-Tnejn: 7 ta' Marzu sal-Ġimgħa 11 ta' Marzu fis-7.00pm.
Predikatur: Il-W.Rev.Kan. Dun Karm Refalo, Arċipriet tal-Qala

● **GĦAL KULĦADD:**

Mit-Tnejn: 14 ta' Marzu sal-Ġimgħa 18 ta' Marzu fis-1.45pm
Predikatur: Il-W.Rev. P. Joseph Galdes S.J.

● **GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWWĠA:**

Mit-Tnejn:14 ta' Marzu sal-Ġimgħa: 14 ta' Marzu fis-7.00pm.
Predikatur: Il-W.Rev. P. Philip Cutajar,Provinċjal tal-Kappuċċini
(Ikun hemm min jieħu ħsieb tat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali)

## IL-LOGO GĦAS-SENA INTERNAZZJONALI TAL-FAMILJA

**QALB FIL-KENN TA' SAQAF,** magħquda ma' qalb oħra, biex tissimbolizza l-ħajja u l-imħabba f'dar fejn il-membri huma milqugħin biex jgħixu flimkien fl-imħabba, fl-għajnuna, fis-sigurta' u fit-tolleranza - Din hija t-tifsira li twassal l-emblema tas-Sena Internazzjonali tal-Familja (IYF),1994.

Din il-logo ntagħżel bħala l-emblema uffiċċjali biex jintuża għall-informazzjoni tal-pubbliku dwar il-miri u l-għanijiet tas-Sena Internazzjonali tal-Familja. Id-disinn sempliċi, li ħolqot Catherine Littasy-Rollier, artista li twieldet l-Iżvizzera u li tgħix fi Vjenna, jikkonsisti f'qalb għall-kenn ta' saqaf, magħquda ma' qalb oħra, bħala simbolu ta' ħajja u imħabba f'dar fejn wieħed isib l-imħabba, il-kura, is-sigurta', l-għixien flimkien, it-tolleranza, u fejn wieħed iħossu milqugħ. Id-disinn hu miftuħ biex juri kontinwita' bi ħjiel ta' dubju. Id-daqqa tal-pinzell, bil-linja tas-saqaf miftuħa, tkompli s-simbolu astratt li jirrappreżenta l-komplessita' tal-familja, meqjusa bħala l-ġebel fil-binja tas-soċjeta'. Is-Sena Internazzjonali tal-Familja hi maħsuba biex tagħti s-sehem tagħha fil-binja tal-familja bħala l-iċken demokrazija fil-qalba tas-soċjeta'.

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

28.11.93: GARRETT, iben Frankie Vella u Tania nee' Curmi
28.11.93: DANIEL, iben Michael Grech u Victoria nee' Borg
01.12.93: REBECCA, bint Anthony Galea u Maria nee' Vassallo
04.12.93: KATYA, bint Spiridione Bezzina u Rosalie nee' Borg
07.12.93: MIGUELA, bint Frankie Portelli u Rita nee' Spiteri
08.12.93: VINCENT, Anthony Spiteri u Maria nee' Tabone
12.12.93: ANDREW, iben George Borg u Tania nee' Galea
19.12.93: REBECCA, bint Joseph Attard u Mary nee' Attard
25.12.93: GRAZIELLA, bint Joseph Lupi u Beatrix nee' Camilleri
26.12.93: GABRIELLA EMMIE, bint Joseph Farrugia u Ursola nee' Galea
26.12.93: KEITH, iben John Farrugia u Maria nee' Mizzi
15.01.94: PAUL, iben Anthony Grima u Josephine nee' Cassar.

## MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

05.12.93: Gużeppi Said
16.12.93: John Mizzi
20.12.93: Georgia Said
21.12.93: Rita Portelli
30.12.93: Richard Portelli
09.01.94: Ġużeppi Gatt
28.01.94: Carmela Formosa

### *Donazzjonijiet b'risq ir-Rivista:*

| | | |
|---|---|---|
| Emanuel Attard : | Awstralja | Aust $ 20 |
| Dun George Brincat, | U.S.A. | US $ 40 |
| Joseph Grech, | U.S.A. | US $ 20 |

**LOURDES 1994**

PELLERINAĠĠ GĦAL LOURDES
25 - 28 ta' Lulju 1994
***Dawk li jixtiequ jissieħbu magħna f'dan il-pellegrinaġġ huma mitluba jagħtu isimhom lill-Arċipriet kemm jista' jkun malajr. In-numru huwa limitat.***

# EDITORJAL

## 1994
## Is-Sena tal-Familja

Ġa għaddew kważi xahrejn mill-1994 li ġiet dikjarata min-Nazzjonijiet Uniti bħala s-Sena tal-Familja. Għaliex għandha tkun importanti għalina din is-sena? Il-pajjiżi kollha qed jagħtu importanza speċjali lil din is-sena. Il-Knisja wkoll qed tagħmel l-impenn kollu tagħha għall-familja matul din is-sena.

Jekk il-familja hija importanti għal kull soċjeta; jekk hija importanti u vitali għall-Knisja, hija wkoll ta' importanza partikolari għall-parroċċa. U għalhekk kulmin għandu għal qalbu l-parroċċa għandu jagħmel ħiltu biex flimkien naraw kif inhi sejra din l-istituzzjoni tant importanti fil-parroċċa tagħna.

Irridu naraw u nistudjaw matul din is-sena il-familji li huma membri tal-komunita' parrokkjali tagħna. Mhux biex inkunu nafu kemm nies fihom. Dak nafuh! mhux biex inkunu nafu fejn qed jgħixu. Dak nafuh! Mhux biex inkunu nafu dettalji partikolari fuq il-membri tal-familja. Dak nafuh wkoll. L-iskop ta' l-istudju tagħna għandu jkun biex naraw jekk il-familji fi ħdan il-prroċċa tagħna humiex dawk il-familji li qed jgħixu verament il-ħajja nisranija. Irridu naraw kif qed tiġi affettwata l-familja fil-parroċċa mid-drawwiet li deħlin. Irridu nistudjaw kif qed tiġi affettwata l-familja fil-parroċċa issa li l-mara qed tmur taħdem. Irridu nistudjaw jekk l-ideat materjalisti li deħlin fostna humiex qed jaffettwaw il-familji tagħna.

Għandna ħafna x'nagħmlu biex is-sena tal-familja ma tkunx ġiet għalxejn. X'inhuma r-relazzjonijiet tal-familja mal-parroċċa? Il-parroċċa qed issegwi dak li qed jiġri fil-familji tagħna? Il-familja qed issib għajnuna mill-parroċċa tagħna? X'aħna nagħmlu biex il-familji tagħna jħossuhom parti mill-Komunita' Parrokkjali? Dawn u ħafna mistoqsijiet oħra rridu nwieġbuhom matul din is-sena, matul l-1994, jekk verament nixtiequ li s-Sena tal-Familja ma tkunx ġiet għalxejn.

J'Alla s-Sena tal-Familja tħalli fostna dik l-atitudni li nħarsu dejjem lejn il-familja bħala l-benniena tas-soċjeta', soċjeta' ċkejkna li fiha jiġu mrawwma dawk il-valuri li dejjem iddistingwew is-soċjeta' Maltija minn soċjetajiet oħrajn. J'Alla s-Sena tal-Familja mhux biss tkun ta' impenn biex nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-familji tal-Komunita' Parrokkjali, imma wkoll biex nagħmlu ħilitna ħalli din iċ-ċellula nibżgħu għaliha, nsaħħuha u nagħtuha l-għajnuna kollha li jkollha bżonn.

# F'Għeluq il-Ħamsa u Għoxrin Sena mill-Mewt ta' MONS. ĠUŻEPPI FARRUGIA GIOJOSO

## ( 1 9 6 9 - 1 9 9 4 )

*Kitba tal-*
**Kan. Dun Nikol Vella Apap**

### Mit-Twelid sa' meta Ιaħaq Qassis

Ħamsa u għoxrin sena ilu, preċisament it-Tnejn 3 ta' Marzu 1969, miet fl-Isptar San Luqa, Malta, fit-8.30 p.m. Mons. Ġużeppi Farrugia Giojoso, fl-għomor ta' 82 sena.(1). Dak in-nhar Għawdex kien tilef wieħed mill-ulied għorrief tiegħu. B'din il-kitba bijografika ser indur dawra ma' ħajtu ħalli b'hekk wieħed jara is-sehem li ta dan is-Saċerdot għaqli u għaref lil Għawdex, l-art li tagħtu l-ħajja.

Mons. Ġużeppi Farrugia Giojoso twieled fir-Rabat ta' Għawdex fl-20 ta' Jannar 1887. Huwa bin Ġanni Farrugia u Ġanna mwielda Galea. Ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Feliċ Refalo. Tawh l-isem ta' Ġużeppi, Ġorġi u M'Anġelu. Il-parrinijiet kienu M'Anġelu Saliba, iben Ġużepp u Ġużeppa mart Salvu Farrugia. (2). Fit-3 ta' Settembru kien irċieva s-sagramemt tal-Griżma ta' l-Isqof minn idejn l-Isqof t'Għawdex Mons. Pietru Pace. Kellu bħala Parrinu lil Ġużeppi Caruana, iben Anton mill-Belt Vittoria.(3)

Sa' minn ċkunitu, t-tfajjel Ġużeppi kellu l-ħajra li jsir qassis. Kien fuq kollox intelliġenti u fl-eżamijiet kien dejjem minn ta' quddiem. Kien studja fl-iskola Primarja tar-Rabat, u wara għadda bl-unuri kollha għal-Liċeo. Wara daħal fis-Seminarju ta' l-Isqof biex jibda t-triq lejn is-saċerdozju. Dak iż-żmien is-Seminarju tagħna kien immexxi mill-Patrijiet Ġiżwiti.

L-Arċipriet Feliċ Refalo fl-1 ta' Awissu 1903, qabel ma' l-Kjeriku Ġużeppi Farrugia Giojoso ħa l-Ewwel Ordni Minuri ta' l-Ostjarjat,fid-19 ta' Diċembru 1903 minn idejn l-Isqof Fra Ġann Marija Camilleri O.E.S.A. kien kiteb hekk: *"Jiena li hawn taħt jidher ismi nixhed li l-parruċċan tiegħi Ġużeppi Farrugia., iben il-mejjet Ġanni huwa persuna ta' kostumi tajba u ta' kondotta ta' min ifaħħarha". (4).*

L-ewwel Ordinazzjoni Maġġuri, dik tas-Suddjakonat, l-Akkolitu Ġużeppi Farrugia mill-Belt Vittoria, b'titlu ta' Benefizzju, kien irċeviha fit-18 ta' Diċembru 1909 mill-Isqof ta' Għawdex Fra Ġann Marija Camilleri O.E.S.A., f'Ordinazzjoni ġenerali u solenni fil-Knisja Kattedrali s-Sibt tal-Kwattru tempi ta' l-Avvent.(5). Sena wara fis-17 ta' Diċembru tal-1910, Ġużeppi Farrugia ġie ordnat



Djaknu mill-istess Isqof Camilleri fil-Knisja Kattedrali.(6).

Billi d-Djaknu Ġużeppi Farrugia ma kellux l-eta' kanonika ta' 25 sena biex jiġi ordnat qassis, kellu jistenna sal-21 ta' Diċembru 1912 biex jiġi ordnat Saċerdot minn Mons. Isqof Camilleri.(7). Dak in-nhar kien l-isbaħ jum fil-ħajja tan-Novell Saċerdot Dun Ġużepp Farrugia Giojoso. L-ewwel quddiesa Soleni tiegħu, Dun Ġużepp kien għamilha fil-Knisja ta' San Ġorġ, il-Ħadd, 22 ta' Diċembru 1912. Kien għamillu l-Paniġierku Mons. Luigi Cordina.(8).

### Kappillan tal-Kor fil-Katidral u Għalliem fil-Liċeo

Wara li ħa l-quddiesa l-Isqof Camilleri sejjaħlu bħala Kappillan tal-Kor fil-KNisja Kattedrali fejn dam sas-sena 1919. Mis-sena 1926 Dun Ġużepp kien Kappillan tal-Konservatorju ta' l-Isqof fir-Rabat.

Ma' dan ix-xogħol pastorali Dun Ġużepp, li hu magħruf ħafna kemm kien jaf tajjeb l-ilsna tal-Latin u tat-Taljan, ġie msejjaħ mill-Gvern biex jgħallem il-Latin u t-Taljan fil-Liċeo tar-Rabat, Għawdex. Huwa dam jgħallem mis-sena 1920 sal-1946.(9). Barra minn hekk, nistgħu ngħidu li Mons. Ġużeppi Farrugia Giojoso qatta' għomru u żmienu jgħallem fis-Seminarju Veskovili. Huwa għallem l-aktar il-Latin u t-Taljan. Kull min tgħallem il-Latin taħt il-metodu rari tiegħu jibqa' jfaħħru tul għomru kollu. (10).

### Predikatur Magħruf

Dun Ġużepp kien ukoll Predikatur magħruf. Mill-ewwel Priedki tiegħu nsibu l-paniġierku lill-Marija Annunzjata li għamel fil-Knisja ddedikata lilha fil-Knisja tal-Lunzjata, ir-Rabat, Għawdex fil-25 ta' Marzu 1911 meta kien għadu Djaknu. Bħala Djaknu, għamel ukoll il-Paniġierku tal-Madonna ta' Mejju fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, fil-31 ta' Mejju 1912. Huwa kellu kelma ħafifa, li tqanqal u fuq kollox mibnija fuq l-Iskrittura Mqaddsa. Fis-sena 1914 kien għamel it-Tridu lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana.

Baqa' msemmi t-Tridu li huma għamel lil San Ġorġ fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lilu fir-Rabat, Għawdex fit-2,3 u 4 ta' Mejju 1928. Kif kien ħalla miktub hu stess, dan it-Tridu kien għalu "gratis", b'xejn. It-test ta' dan it-Tridu ħadu mill-Apokalissi ta' San Ġwann Kap..6, v.3 u Isaija 9.6.

Il-kitba tal-predikazzjoni ta' Dun Ġużepp turi li huwa dar kważi l-pulpti kollha tal-Knejjes kollha ta' Għawdex, liema predikazzjoni tinsab b'għożża għand min qiegħed jikteb dan it-tagħrif bijografiku.

### Kittieb ta' Proża u Poeżija

Il-ħidma letterarja Maltija ta' Mons. Farrugia tixbaħ lil tapezzerija b'ħafna lwien mhux bħal xulxin, li meta tgħaqqadhom flimkien jinsġulek l-isbaħ figura, għax dan is-saċerdot nistgħu nqisuh bħala storiku, poeta, prożatur u drammaturgu. (11).

Meta kien għadu Kjeriku kien kiteb:"Maria Platamun". Rakkont Għawdxi. Dan ir-rakkont huwa ddedikah lil Mons. Isqof Fra Gio.Maria Camilleri, Isqof ta' Għawdex. Dan ir-rakkont huwa wieħed mill-kotba tal-**"Mogħdija taż-Żmien"** li jġib in.Nru 74, u stampat fl-1908. Meta kien suddjaknu kiteb "Min Chien Aħmed", ġrajja Għawdxija. Dan il-ktieb kien ddedikah liż-"ŻMIEN", u jġib in-numru 103 fis-sensiela tal-"Kotba Mogħdija taż-Żmien", u ġie stampat fl-1910.

Bħala storiku ma naqasx li jinteressa ruħu sewwa mill-istorja ta' art twelidu. U din l-imħabba imsawwra u mkebbsa fil-forġa tal-patrijottiżmu ġegħlitu jaqleb mit-taljan għall-Malti l-Istorja ta' Għawdex tal-Kan. Għawdxi Agius de Soldanis. Din hija biċċa xogħol li jistħoqqilha kull tifħir.(12). L-Ewwel ktieb li jġib l-isem

*ikompli f'paġna 6, kolonna tal-lemin*

***Fl-okkażżjoni tas-Sena tal-Familja, hija xewqa tagħna li nwasslulkom sitt artikoli dwar il-Familja. B'hekk, anke ir-Rivista parrokkjali tagħna tkun qed tagħti l-kontribut tagħha f'dan ir-rigward. F'din il-Ħarġa, Dun George Frendo, ser jagħti ħarsa lejn***

# Il-familja Nisranija fid-Dawl tal-Familja ta' Nazaret

● ***Il-Familja ta' Nażaret hu mudell għall-familja nisranija ta' żmienna jew le?***

Din il-mistoqsija ma hijiex waħda retorika. Ma għamilthiex sempliċement bħala ftuħ ta' riflessjoni li l-kontenut tagħha għandu jittieħed bħala ċert u daqshekk. Din il-mistoqsija li hija ħierġa mill-pinna ta' xi wħud għandha bħala skop prinċipali li twaqqa' għaċ-ċajt jew tpoġġi bħala inadegwata u antikwata l-idea li l-Familja ta' Nażaret hi l-uniku mudell u ispirazzjoni għall-familja nisranija ta' żmienna. Din hi mistoqsija, li min ser jidħol b'impenn u serjeta' biex jgħix it-tweġiba posittiva għaliha se jkun mezz privileġġjat għall-bidla vera u radikali tas-Soċjeta' tagħna li kull ma jmur qegħdha tinħakem mill-konsumeriżmu.

● ***F'hiex hija Mudell il-Familja ta' Nażaret għall-familja nisranija?***

Se noffri għar-riflessjoni tagħkom żewġ proposti li nħoss li fi żmienna u fil-kundizzjonijiet eżistenti jew emerġenti fis-soċjeta' tagħna jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-formazzjoni aktar sħiħa ta' mentalita' u stil ta' ħajja nisranija-evanġelika.

• **L-ewwel proposta hija din: Il-Familja ta' Nażaret hi Mudell ta' UBBIDJENZA lejn il-Liġi t'Alla.** Nixtieq nagħmilha ċara li jiena qed nitkellem mill-familja bħala entita' sħiħa, jiġifieri l-familja



bil-membri li jiffurmawha bħala *"unit"*. Għalhekk ngħidu li l-Familja ta' Nażaret bil-membri li jiffurmawha hi ubbidjenti għal-Liġi t'Alla kif espressa fil-Liġi ta' Mose` u fit-Tradizzjoni ta' żmienha.

Dan nafuh mill-Vanġeli. Insibu fil-Vanġelu skond San Luqa diversi episodji fil-ħajja ta' din il-Familja privileġġjata fit-tbatija għaliex hija privileġġjata f'għajnejn Alla, li jikkonfermaw dan. (ara Lq.2,21-40. 41-52). Ħa nsemmi biss l-episodji tar-rit taċ-ċirkonċiżjoni lit-tarbija li kienet għadha kif twieldet u r-rit tal-purifikazzjoni fit-Tempju ta' Ġerusalem. Ġużeppi u Marija, it-tnejn mimlija bil-grazzja għax it-tnejn marbuta mar-rieda tal-Missier u mehdija bil-ħsieb tal-ġid ta' Binhom il-maħbub, telgħu fit-tempju biex jagħmlu dak li kienet titlob minnhom il-Liġi. Hekk għamlu għax hekk kienu mdorrijin jagħmlu - jobdu l-Liġi t'Alla. Il-fatt li marru fit-Tempju għal dan ir-rit ifisser li dan kien l-istil ta' ħajjithom. Huma kienu jiddeċiedu għad-dawl tal-Liġi t'Alla. Ma kienux minn dawk li qegħdin igħixu għad-"dell tal-mewt" (Lq. 1,79), jiġifieri li jiddeċiedu skond il-fehmiet u l-kriterji umani u utilitaristiċi. Iżda kienu minn dawk li jiddeċiedu dwar ħajjithom ispirati mill-Kelma setgħana t'Alla: imberkin huma. Huma bħala **'siġra ħdejn l-ilma mħawwla, li għeruqha xxenxel lejn il-wied, ma tibżax meta tiġi s-sħana, il-weraq tagħha jibqa' jħaddar, fis-sena tan-nixfa ma tinkeddx, u ma tehdiex milli tagħmel il-frott" (Ġer.17,7-8)**

Imberkin aħna: dawk il-familji li jiddeċiedu bħala familji għad-dawl tal-Kelma t'Alla: jiddeċiedu bħala familja, bħala entita' sħiħa, bħala *'unit'* kompleta u mbagħad bħala membri singoli, personali. Fil-prattika, dan ifisser li l-Koppja nisranija li titwieled għas-saltna tal-grazzja fil-Magħmudija u qegħda tgħix il-vokazzjoni għall-imħabba konjugali li hi rċeviet bħala rigal, don gratuwitu fis-sagrament taż-żwieġ, tpoġġi lilha nnifisha quddiem il-Liġi Mqaddsa ta' Alla b'mod li Kristu jsir l-Liġi għalihom: **"Ħobbu 'l xulxin bħalma ħabbejtkom jien".**(Ġw.15,12) San Pawl ikompli jħoll dan il-vers u jfissru b'dan il-mod sublimi: **"Oqgħodu għal xulxin fil-biża ta' Kristu. Intom in-nisa oqgħodu għal żwieġkom bħallikieku għall-Mulej, għax ir-raġel hu r-ras il-mara, bħalma Kristu hu r-ras il-Knisja, is-Salvatur tal-Ġisem tiegħu...Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom bħalma Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha....Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu lin-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess......Intom it-tfal isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej, dan hu s-sewwa." (Ef. 5, 21-33; 6,1-4)**

● ***Xi jfisser dan għall-Koppja?***

Ifisser ħelsien minn rabtiet ma' mudelli u ideat foloz li żgur iħassru r-rabta ta' fedelta' ta' bejniethom. Dan għaliex jekk ir-raġel miżżewweġ u l-mara miżżewwġa (i.e. it-tnejn) ipoġġu ruħhom sottomessi (u allura rebbieħa) għal-Liġi ta' Alla, it-tnejn verament u realment isiru ndaqs, ***"partners"*** egwali fiż-żwieġ. Illum issir ħafna enfasi fuq li ż-żwieġ hu ***"partnership"*** mibni fuq l-egwaljanza tal-koppja. Tajjeb pero' li wieħed jistaqsi u jara daqsxejn xi tfisser din l-egwaljanza u minn fejn hi ġejja u fejn se twassal. Jekk wieħed ifittex, jintebaħ li l-mentalita' kontemporanea tirrispondih u tgħidlu: il-koppja hi ndaqs u egwali għax it-tnejn għandhom opportunitajiet inqads għall-avvanz personali tagħhom; għax il-beni li rnexxielhom jakkwistaw wara ż-żwieġ ta' xulxin nofs b'nofs; għax ħadd ma jikkmanda fuq ħadd u fuq kollox għaliex dak li **"rbatna flimkien"** għandu **'id-dritt'** mogħti mis-soċjeta' ċivili li **'nħolluh flimkien'**.

Din hi l-mentalita' ta' żmienna: mentalita' li tixhed taħwid, nuqqas ta' sens ta' l-affarijiet. Dan għaliex l-egwaljanza mhix ġejja minn xi fattur estern, ma jagħtihielix il-gvern jew l-istat, iżda ġejja mill-fatt li l-bniedem hu l-Iben il-maħbub ta' Alla, b'dinjita' personali propja u b'integrita' fiżika-spiritwali propja. Fil-każ tal-koppja dan ifisser li r-raġel u l-mara li jpoġġu ruħhom quddiem il-Liġi t'Alla jkunu qed jgħidu lil xulxin u jixhdu quddiem is-soċjeta' li għalihom personalment Kristu hu l-Mudell li fuqu jridu jibnu ħajjithom bħala koppja. Huma fidili mhux primarjament lejn xulxin, iżda lejn l-impenn li huma ħadu quddiem Kristu: lejn il-vokazzjoni li jingħataw lil xulxin bħalma Kristu ngħata lilhom. Min hu fidil lejn Kristu hu fidil lejn martu/żewġha; min ma hux fidil lejn Kristu mhux fidil lejn martu/żewġha. Konkretament, ir-raġel ikun qiegħed jgħid lill-martu: *"jiena ma rridx inkun l-liġi fil-*

*familja; ma rridx nimponi jien: irrid niċċekken jien biex tidher int".* Il-mara tkun qed tgħid lil-żewġha: "Jiena ma rridx li tgħaddi tiegħi b'mod jew b'ieħor, ma rridx nuza l-armi tal-inkejja, tat-tgergir biex noħroġ minn fuq: irrid niċċekken jien biex tikber int."

Din verament koppja/familja nisranija: imbierka hi dik il-koppja u allura dik il-familja li tpoġġi lilha nnifisha bħala qaddejja umli u ubbidjenti lejn il-Liġi Mqaddsa ta' Alla. Tkun bħal dik **"Il-Belt mibnija fuq il-għolja"** jew **"musbieħ li jagħti d-dawl f'post mudlam"** (Mt.5,14) li lejha kulħadd iħares biex jieħu s-sens ta' direzzjoni.

**• It-Tieni proposta hija din:** il-familja ta' Nażaret hi mudell ta' kif għandha tinftiehem u titħaddem l-Awtorita' fi ħdan tal-familja nisranija ta' żmienna. Fil-familja ta' Nażaret l-akbar fid-dinjita' kien l-iċken fil-grad (Kristu) u l-iċken fid-dinjita' kien l-akbar fil-grad (Ġużeppi). Dan igħidulna San Luqa fil-Vangelu tiegħu. Fl-għeluq ta' l-episodju tas-sejba tat-tfajjel Ġesu' fit-Tempju ta' Ġerusalem, l-Evanġelista jgħidilna li **"Ġesu niżel magħhom Nażaret u kien jobdihom"** **(Lq.2,51)** Ta' min iżomm f'moħħu li Ġesu' dam fil-familja sakemm kellu bejn wieħed u ieħor tletin sena. Dan ifisser li hu rrispetta b'mod sħiħ is-sistema ta' l-awtorita' li fuqha kienet mibnija l-familja ta' żmenu. L-awtorita' tal-ġenituri u speċjalment dik tal-missier. San Pawl għaraf f'din l-ubbidjenza ta' Ġesu' sinjal ta' umilta' tiegħu. **"Hu għad li kellu n-natura ta' Alla ma qaghadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu biilli ħa n-natura ta' lsir, sar jixbaħ lill-biedem, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil.2,6-8).** Ġesu' ħaddem b'mod sħiħ u inkondizzjonat l-istil ta' żmienu, ħaddnu miegħu u qaddsu għax dak li ġie f'kuntatt mal-ġisem qaddis tiegħu tqaddes, innobilita' ruħu, eleva 'il fuq.

**● *Xi jfisser dan kollu?***

Dan ifisser li l-koppja nisranija ma tistax tarmi l-idea ta' l-awtorita' fil-familja, bl-iskuża li *"llum ħadd ma jrid jobdi"* u li *"ħadd ma jrid jirraġuna"*, u li

*"kulħadd jagħmel dak li jrid u dak li jogħġbu"*. Ħażin għaliha dik il-familja li qabdet din it-triq għax **"triq it-tajbin il-Mulej jafha (għax imxiha sa' l-aħħar), iżda triq il-ħżiena tintemm fix-xejn" (Salm 1,6)**

Għad-dawl ta' l-esperjenza mgħixa tal-familja ta' Nażaret nistgħu niffurmaw idea ċara ta' xi tfisser awtorita' fl-ambjent tal-familja. Nistgħu ngħidu mill-ewwel li dak li ma tfissirx żgur hu l-awtorita' f'sens awtoritarju, d-dixxiplina f'sens dittatorjali, t-imexxija f'sens aggressiv, l-kmand f'sens esklussiv, eż. "jien l-ewwel", "jien "nikkmanda", "tiegħi tgħaddi", "sakemm hawn jien, ħawnhekk jien nikkmanda".

Dan Ġesu qalulna ċar u tond meta omm ulied Żebedew resqet lejh u interċediet għall-uliedha quddiem l-Imgħallem u qaltlu: **"Ordna li dawn iż-żewġ uliedi joqgħodu wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug tiegħek fis-saltna tiegħek".(Mt.20,21)** Ġesu' ħa l-okkażżjoni u tana d-definizzjoni ta' kif għandha tinftiehem u tkun imħaddma l-awtorita': **"Tafu intom, fost il-pagani l-kapijiet qeghdin biex jikkmandaw u l-kbarat biex iħaddmu s-setgħa tagħhom. Fostkom ma għandux ikun hekk" (Mt.20, 25-26)**

Is-semmiegħa ta' Ġesu kellhom idea ċara ħafna u esperjenza qarsa ferm ta' xi tfisser awtorita' iebsa u intransiġenti. Kollha kienu. b'mod jew ieħor, vittma tagħha, kollha kienu jobgħoduha awtorita' bħal dik. Iżda ħadd ma kien jaf kif ħa jipproponi stil ġdid ta' awtorita'. Ikompli Ġesu': **"Min irid ikun kbir fostkom għandu jkun ilsir tagħkom" (Mt.20, 26-27)** Din hi l-idea ta' Kristu ta' kif għandha tinftiehem u titħaddem l-awtorita' sabiex tagħti l-frott u l-"frott li jibqa'" (Ġw.15,16) Altrimenti tkun arida, sterili u kontro-produċenti.

**● Fejn għandha titħaddem l-awtorita'?**

Post fejn għandha titħaddem din l-awtorita' hu propju l-familja mnisslu u mwielda u mkabbra fl-imħabba-fedelta'. Bl-awtorita' fil-familja nifhmu li kulħadd hu qaddej ta' l-uniku Sid li hu Kristu: sew il-missier, sew l-omm u sew it-tfal. L-unika awtorita' fil-familja hu Kristu, u Kristu li qiegħed jingħata lilna. Dan ifisser li kulħadd (missier - omm - ulied) qiegħed ikun edukat kontinwament, gradwalment u progressivament għal dan l-istil ta' ħajja ta' mħabba u servizz. San Pawl ifisser dan l-istil ta' imħabba-servizz b'dan il-mod: **"Alla uriena l-imħabba tiegħu meta Ġesu' miet għalina, aħna li konna għadna midinbin".(Rum.5,8)**

Jekk aħna naħsbu li l-awtorita' tfisser li wieħed jikkmanda u l-ħafna jobdu, allura ma aħniex naħsbu bħal Kristu, iżda bħad-dinja.. Fil-familja nisranija kulħadd qiegħed jobdi u kulħadd qiegħed jaqdi, kulħadd qiegħed jisma' u kulħadd qiegħed joffri s-servizz tiegħu lil xulxin. B'hekk tifforma l-idea li l-awtorita' hi servizz għall-binja tal-personalita' individwali ta' kull wieħed.

Tkun diżgrazzja li l-ulied jitilgħu bla sens ta' x'inhi awtorita' li minnha nnifisha tispira ubbidjenza. Ħafna drabi jiġri li l-ulied jitilgħu bla sens ta' awtorita' u dixxiplina għax bla sens ta' awtorita' u dixxiplina huma l-ġenituri tagħhom.. U meta ngħid awtorita' qiegħed nifhem dak li għandni kif fissirt għad-dawl tal-Kelma t'Alla: awtorita' bħala servizz. X'differenza tgħaddi għal dik il-familja li l-ulied għandhom esperjenza ta' missier u omm ubbidjenti lejn il-Liġi ta' Alla u allura



jirrispettaw sinċerament lil xulxin, jafdaw realment lil xulxin, huma fidili lejn xulxin. X'ma tispirax ubbidjenza familja bħal din! L-ulied jafu li meta l-missier jgħid kelma hu l-ewwel li jżommha. Din għandha tkun il-bażi ta' l-ubbidjenza fil-familja: ubbidjenza mifhuma, djalogata u soda. Il-koppja nisranija, illum forsi iktar minn qatt qabel, għandha dan id-dmir li tgħin lil ulied jiffurmaw idea u jgħixu b'mod responsabbli l-awtorita' u l-ubbidjenza fi ħdan il-familja. Kif jista' jkun kredibbli u jitwemmen missier minn uliedu, meta hu eżempju ta' infedelta', nuqqas ta' rispett, bla sens ta' mogħdrija u komprensjoni? Kif jista' jippretendi dan il-missier li jkun obdut meta hu anqas l-kelma tiegħu stess ma jobdi meta kien tenna lil martu quddiem il-Knisja: **"Jiena nwegħdek li nħobbok u nirrispettaw tul ħajti kollha"?**

Ikun verament ħaqqhom kull tifħir dawk il-ġenituri li minkejja d-diffikultajiet li joħorġu mill-kultura ta' żmienna, jagħrfu jnisslu f'uliedhom dan l-ispirtu ta' awtorita' u ubbidjenza. Ikunu qegħdin jagħtu l-aqwa servizz lis-soċjeta' li kull ma jmur qed tbarri kull sens ta' sagrifiċċju.

Jiena ridt nagħti żewġ proposti ta' kif il-Familja ta' Nażaret tista' tkun mudell mill-aktar rilevanti għall-familja nisranija ta' żmienna. Nafuhom sew l-armi ta' dawk li tilfu l-fidi u magħha tilfu ukoll ir-raġuni: l-arma tar-ridikolu u ż-żufjett.

**Iżda l-armi ta' Kristu huma l-armi tal-verita' u ta' l-imħabba. Imberkin dawk il-familji nsara li qed jgħixu b'impenn l-vokazzjoni tagħhom għax ma' Kristu, fi Kristu u bi Kristu minnhom "joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj li jwassal għall-ħajja ta' dejjem". (Ġw.4, 14)**

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

jaqbad mill-paġna ta' quddiem

tagħhom. Kien hemm min talab affarijiet żgħar. Iżda biċċa karta żgħira, miktuba minn tfajjel ta' disa' għaxar snin, laqtitu sewwa lil Don Bosco. Kienet biċċa karta miktuba minn Domenico Savio u fiha qallu li bħala rigal kien qed jitlob minn Don Bosco din il-ħaġa: "Għinni nsir Qaddis!"

Don Bosco ġibed lejh lil dan it-tfajjel u qallu: ***"Tlabtni ħaġa sabiħa: ser ngħinek issir qaddis. Ser nagħtik Riċetta mportanti. Jekk trid issir Qaddis agħmel dawn l-affarijiet:***

- ☐ **KUN FERĦAN**
- ☐ **AQDI DMIREK SEWWA**
- ☐ **KULL FEJN TKUN AGĦMEL IL-ĠID**

Illum, f'din l-ewwel ħarġa tal-"BELT VICTORIA" għal din is-sena nixtieq noffrilkom jiena ukoll dan ir-rigal ta' Don Bosco. U dan nagħmlu għaliex konvint li lkoll kemm intom tridu ssiru Qaddisin.

■ **KUN FERĦAN**

* Tħalli xejn **IĦAWWDEK** jew inkella **JNIKKTEK**, għax allura hemmhekk għandek prova li hemm xi ħaġa li mhix ġejja minn Alla.

Jekk fil-fatt hemm xi salib, xi problema, xi ħaġa li tweġġgħek jekk tagħraf fiha r-Rieda ta' Alla għalik, tkun kapaċi taċċettha u ma tibqax għalik ta' taħwid jew ta' dwejjaq.

**Kun ferħan**..........anzi aħdem biex kull ġurnata isaltan fik is-sliem u l-ferħ.

Minnek jiddependi.

**Żomm 'l Alla f'moħħok u f'qalbek** u mhux biss tkun ferħan int, iżda tagħmel ferħan lil dawk kollha li jkunu miegħek.

■ **AQDI DMIREK SEWWA**

Int x'int, missier jew omm, żagħżugħ jew żagħżugħa, tifel jew tifla, anzjan jew anzjana, ħaddiem jew student, sportiv jew marid tinsa qatt li qabel kollox int **NISRANI.**

***Mela, aqdi dmirek ta' NISRANI kullimkien.***

Tinsiex li l-ewwel dmir tiegħek huwa lejn Alla. Hu Alla li qed jistenna dan minnek. Hu qed jitlobhielek dik il-biċċa xogħol li tkun ser twettaq, il-job li inti għandek, l-istudju li trid tagħmel.

***Mela, aqdi dmirek SEWWA, għax hekk jixraqlu Alla.***

■ **KULL FEJN TKUN AGĦMEL IL-ĠID**

Ħadd ma jlumek jekk tagħmel il-ġid, anke jekk forsi jkun hemm minn ma japprezzax dak li tkun qed tagħmel jew inkella jfittixlek ix-xagħra fl-għagina. Madwarek hemm ruxmata nies li għandhom bżonnok. Tibżax: għinhom, aqdihom, ħobbhom.

***Toqgħodx tkejjel b'kemm ser tagħti u b'kemm ser tirċievi***

**L-importanti huwa dan:**

- **Ħobb bla ma tiġġudika**
- **Wissi bla ma tweġġa'**
- **Agħti bla ma żżomm xejn għalik.**

***Din hi t-triq li twassal għal qdusija. Hi triq li diġà ġiet ippruvata. Wettaqha Domenico Savio u spiċċa qaddis. Għamilha Don Bosco u llum nqimuh fuq l-artali tagħna. Għamluha u qed jagħmluha ħafna bnedmin tajba bħal Mons. Mikiel Azzopardi, Dun Ġorġ Preca, Mother Theresa..........għaliex ma nippruvawx nagħmluha jien u int........???***

jaqbad minn paġna 3

"Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu" kien deher stampat fl-1936 fl-istamperija tal-Gvern. It-tieni ktieb li jġib l-istess isem deher stampat mill-istess stamperija fl-1953.

Fost dawn il-kotba storiċi jixraq li nsemmgħu: **"Storia della Chiesa Matrice", "Storia della Chiesa Basilica di S. Giorgio M." u "Documenti Concernenti l'Erezione della Diocesi di Gozo da SS. Pio IX, con note e commenti".** Dnub li dawn ix-xogħolijiet ma rawx id-dawl ta' l-istampa.

Iżda Mons. Farrugia huwa ukoll magħruf bħala wieħed mill-aqwa poeti ta' Għżiritna. Huwa mhux biss kiteb poeżiji bil-Malti, imma ukoll bil-Latin u bit-Taljan. Kiteb ukoll ktieb fuq il-prosodija Latina li jġib l-isem: **"Regole di Prosodia Latina".** (13).

### Monsinjur tal-Knisja Katidrali u l-Ħames Bibljotekarju

Għal din il-ħidma sfieqa ta' Dun Ġużepp Farrugia Giojoso, Mons. Ġużeppi Pace, l-Isqof ta' Għawdex kien għażel lil Dun Ġużepp bħala Kanoniku Lettur tal-Knisja Kattedrali fl-1946. Hu ħa l-pussess ta' Kanoniku fil-21 ta' Lulju ta' dik is-sena. Fis-Seminarju ta' l-Isqof, Mons. Farrugia Giojoso għallem fil-klassijiet tal-Kwinta u tas-Sesta (Forms V u VI). Mons. Farrugia Giojoso kellu komunikattiva stupenda ta' kif dak li kien jaf jgħaddihulek. Kien ukoll "Vokabularju Ambulanti". Kien għalliemna b'maestrija "I Promessi Sposi" ta' Alessandro Manzoni u fuq kollox kien tana "i caratteri' ta' dan ir-rumanz storiku/reliġjuż, li għadni nżomm sa llum.

Mons. Ġużeppi Farrugia Giojoso kien ġie magħżul mill-Gvern bħala l-Ħames Bibljotekarju tal-Librerija Pubblika tal-Gvern, li tinsab fi Triq Vajrinġa, r-Rabat, Għawdex. Din il-kariga żammha għal sittax-il sena.

L-aħħar żmien ta' ħajtu Mons. Farrugia għaddih jaqra u jikteb. L-aħħar biċċa xogħol tiegħu kienet tassew klassika: "Cantica Pagorum", poeżija bil-Latin bi sfond storiku fuq kull raħal ta' Għawdex. Din il-biċċa xogħol kitibha meta kien marid u ta' kuljum, meta kont immur inqarbnu fix-xhur ta' Diċembru 1968, Jannar u Frar 1969, wara li kien jgħid ir-Ringrazzjament kollu ta' wara t-Tqarbin, kien joqgħod jaqrahieli biċċa biċċa.(14)

Mons. Farrugia kie ħa sura nazzjonali u m'hawnx veru Għawdxi li ma jafx bih. Minn kull fejn kien jgħaddi ma tarax ħlief nies isellmulu fil-waqt li bi tbissima fuq fommhom kont tismagħhom jgħidulu: "Saħħa Surmast!" (15).

Il-Funeral tiegħu kien sar l-għada tal-mewt tiegħu fl-4 t' Marzu 1969 għall-Knisja Katidrali fejn kien ħa sehem il-Kapitlu u l-Kleru ta' dik il-Knisja. Il-fdal tiegħu ġie midfun wara, fil-Kappella ta' Santa Barbara, għad-dell tal-Knisja Kattedrali.

**Referenzi:**


1. Kan.Dun Nikol Vella Apap: Storja tal-Knisja f'Għawdex Ms.Vol.1 Saċerdoti Ascritti Alla Sodalita' di S. Filippo Neri, eretta Nella Chiesa Cattedrale di Gozo l'Anno 1689, p. 95
2. Arkivju Bażilika-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, Rabat Għawdex. Liber Baptiz. Par.li Ecc.la S.ti Georgii M. Parte 1879-1890. Vol. XI.p.301
3. A.E.G. Liber III Confirmatorum.
4. A.E.G. Acta Ordinationum
5. A.E.G. Libro delle Sacre Ordinazioni. Vol. 2. 1906-1985
6. Ibid. Op. Cit.
7. Ibid. Op. Cit.
8. Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex Ms. Vol. 2
9. Ibid. Op. Cit.
10. The Gozo Year Book 1961. Il-Bibjotekarji Għawdxin. Minn Dun Karm Scicluna Xerri, p. 74.
11. Ibid. Op. Cit.
12. Ibid. Op. Cit.
13. Ibid. Op. Cit.
14. Kan Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. 2, p.23.
15. The Gozo Year Book. 1961. Il-Bibjotekarji Għawdxin. minn Dun Karm Scicluna Xerri, p. 74.

# KOMPETIZZJONIJIET GĦAT-TFAL

✔ **KOMPETIZZJONI Nru. 1**

**Għal Tfal minn Year 4 sa Year 6 fl-Iskejjel Primarji**

***Wieġeb dawn il-Mistoqsijiet:***

**1.** Kemm il-ġurnata fih ir-Randan Imqaddes?

**2.** Kemm il-Knisja nżuru biex nagħmlu l-Visti tas-Sepulkru nhar Ħamis ix-Xirka?

**3.** Ta' min kien il-qabar ġdid fejn ġie midfun il-ġisem tas-Sinjur Tagħna, Sidna Ġesu' Kristu?

✔ **KOMPETIZZJONI Nru. 2**

**Għall-Istudenti fl-Iskejjel Sekondarji**

***Wieġeb dawn il-Mistoqsijiet:***

**1.** F'liema raħal f'Għawdex saret l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali fit-22 ta' Jannar 1994?

**2.** X'jisimha l-fundazzjoni f'Għawdex li tieħu ħsieb dawk il-persuni li jieħdu d-drogi?

**3.** Kull meta jinħatar il-President ta' Malta?

***Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom sa nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 1994 f'dan l-indirizz: Il-Belt Victoria, Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karita', Victoria. Jingħataw premijiet ta' kotba sbieħ.***

***Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjonijiet tal-ħarġa ta' "Il-Belt Victoria" Nru. 75 huma dawn:***

*Kompetizzjoni Nru. 1:*
Melina Vella, 'Popi', 8th December Street, Victoria.

*Kompetizzjoni Nru. 2:*
Michael Tabone, 'Barkuna', Sir P. Boffa Str., Victoria

***Ir-rebbieħa huma ġentilment mitluba jmorru fl-Uffiċċju Parrokkjali biex jiġbru l-premju.***

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież Tfal,

Kif intom? Nittama li mortu tajjeb fl-eżamijiet ta' nofs is-sena. Tinsewx tgħinu dejjem lil dawk fostkom li m'għandhomx l-istess intelliġenza bħalkom. Tinsewx tgħinu lil xulxin f'dak kollu li jkollkom bżonn. Tiftakruha tajjeb dik il-parabbola li jirrakkonta Ġesu' meta s-Sammaritan it-Tajjeb għen lil dak li kien ġie attakkat u msawwat mill-ħallelin hu u nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, allavolja dak kien Lhudi, jiġifieri għadu tas-Sammaritan. U la qegħdin insemmu dan is-suġġett, ħalli ngħidilkom storja biex taraw kemm għandkom għax thennu għall-proxxmu tagħkom, hu min hu.

Fl-Orjent iħobbu jirrakkuntaw leġġenda ħelwa dwar patri qaddis li kien jgħix f'kunvent qadim mitluf f'masġar kbir. Tul ħajtu kollha l-patri kien jitlob dejjem li xi darba Ġesu' jonorah u jżuru f'kamartu. U darba, xewqtu twettqet....deherlu Ġesu'. Kemm ħassu ferħan! Iżda dlonk ċemplet il-qampiena tal-bieb. Xi proxxmu ried l-għajnuna u hu kien suppost li jmur jiftaħ u jgħinu. Imma kif seta' jħalli lil Ġesu' waħdu?

Il-Patri ħassu mħawwad. Iżda l-ubbidjenza rebħet u wara li skuża ruħu kellu jħalli lil Ġesu' waħdu għax ħass li m'għandux jibqa' ħdejh waqt li xi proxxmu kien meħtieġ l-għajnuna tiegħu. Iżda beka f'qalbu meta ftakar kif kellha tintemm ħesrem l-ikbar xewqa ta' ħajtu.

Il-proxxmu inzerta raġel fqajjar li ried jitrejjaq. Il-Patri servih mill-aħjar li seta'.........la għaġġlu u l-anqas għajjat miegħu. Wara li qdieh, il-patri mar lura f'kamartu u b'għaġeb kbir tiegħu sab li Ġesu' kien għadu jistennieh.

"Skużani, Sinjur, li ħallejtek waħdek!"

"Li ma ħallejtnix waħdi ma kontx tarani iżjed. Dak li għamilt max-xwejjaħ għamiltu miegħi. Kont ħafna aktar qrib tiegħi trejjaq lix-xwejjaħ milli titkellem miegħi!"

Leġġenda.........iżda b'tagħlima stupenda għal min irid jgħix il-messaġġ nisrani!

Tata'.

*Iz-Zija Peppi.*



# Happy Birthday !!!

Il-Wisq Rev. Mons. Arċipriet Mons. Salv Borg, flimkien mal-membri kollha tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll il-Presbyterium Parrokkjali u l-Komunita' Parrokkjali Ġorġjana jixtieq l-isbaħ xewqat lil ĠUŻEPPA GRECH, membru tal-Komunita' Parrokkjali tagħna, f'għeluq il-mitt sena mit-twelid tagħha, fl-24 ta' Jannar 1994, filwaqt li jingħaqdu magħha biex iroddu ħajr lil Alla għal ġid kollu li Hu sawwab fuqha matul is-snin kollha li silifha.

# IL-LADIES SOCIETY
## Taghlaq Ghaxar Snin

Kien f'Ottubru tal-1983, li grupp żgħir ta' nisa minn fost il-komunita' parrokkjali ta' San Ġorġ, ġew imlaqqgħa għall-ewwel darba, bl-inizjattiva ta' saċerdot tal-Parroċċa tagħna, sabiex jaraw flimkien kif setgħu jorganizzaw irwieħhom ħalli jkunu jistgħu jagħtu kontribut aktar sħiħ u effettiv lill-Parroċċa. Minn dak in-nhar 'il hawn, bl-inkoraġġiment sħiħ, l-ewwel ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca, li fi żmienu twaqqfet il-*Ladies Society*, u mbagħad ta' l-Arċipriet attwali Mons. Salv Borg, il-Kumitat ħabrieki tagħna ma waqaf qatt mill-attivitajiet b'risq il-Parroċċa tagħna.

■ **Diversi għanijiet**

L-għanijiet li dejjem ispiraw il-*Ladies Society* fil-ħidmiet tagħha huma bażikament ta' natura reliġjuża, karitattiva, kulturali u rikreattiva. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Kumitat tal-*Ladies Society* jiltaqa' għall-inqas darbtejn fix-xahar, xi drabi oħra ħafna aktar ta' sikwit, sabiex jorganizza kull xorta ta' attivitajiet. Dawn l-attivitajiet isiru fil-Bażilika nfisha, jew fiċ-Ċentru Parrokkjali jew f'postijiet oħra ġeneralment barra mir-Rabat.

Il-*Ladies Society*, li l-Kumitat Organizzattiv tagħha llum hu magħmul minn 14-il membru flimkien mad-Direttur Spiritwali, tul dawn l-għaxar snin ta' ħidma dejjem kisbet l-inkoraġġiment li teħtieġ bil-konkorrenza kbira tan-nies għall-attivitajiet li torganizza. Illum, uħud minn dawn l-attivitajiet saru kważi tradizzjonali waqt li oħrajn isiru skond iċ-ċirkustanzi taż-żmien. Fost attivitajiet **"tradizzjonali"** ta' min isemmi ċ-ċelebrazzjoni ta' **Jum l-Omm** u **Jum il-Missier**, għadd ta' pellegrinaġġi u ħarġiet rikreattivi f'Malta u anke f'Għawdex, laqgħat ta' formazzjoni għall-membri nfushom u għall-membri nisa tal-parroċċa in ġenerali, attivitajiet ta' *"fund-raising"* b'risq istituti djoċesani tal-karita' kif ukoll b'risq il-Bażilika ta' Sa Ġorġ u oħrajn. Iżda forsi l-attivita' kulturali li l-*Ladies Society* għandha l-aktar għall-qalbha hu l-**Ikla ta' Jum San Ġorġ** li torganizza ta' kull sena biex tiċċelebra t-Tifkira Liturġika ta' San Ġorġ fix-xahar ta' April.

■ **Opri Godda**

L-attivitajiet ta' *"fund-raising"* huma, x'aktarx, dawk li l-aktar jieħdu ħin u jitolbu taħbil il-moħħ. Iżda jġibu magħhom is-sodisfazzjon fl-għotjiet kbar li l-*Ladies Society* għamlet lill-Bażilika f'għamla ta' opri ta' neċessita liturġika u fl-istess ħin ta' livell artistiku kif jixraq. X'aktarx li l-akbar fost dawn l-opri kienu ż-żewġ settijiet ta' pjaneti, wieħed vjola (għall-użu fl-Avvent, fir-Randan u fil-funerali) u l-ieħor l-aħmar (għall-Festa ta' San Ġorġ), kif ukoll id-diversi pjaneti singoli (fosthom waħda artistika għas-Solennita' ta' l-Immakulata Kunċizzjoni b'tifkira ta' l-aħħar Sena Marjana) li l-*Ladies Society* irregalat sa' issa. Imma kienu bosta r-rigali l-oħra fosthom gandlieri u salib taċ-ċeramika għall-Artal Maġġur, il-fuħħar kollu għall-Mejda ta' l-Appostli li tiġi armata ta' kull sena, u kontribuzzjonijiet fi flus għall-pubblikazzjonijiet tal-parroċċa u għall-festi esterni ta' San Ġorġ.

■ **Il-Membri**

Il-ħidma tal-*Ladies Society* tiddependi ħafna mid-disponibilita' tan-Nisa Membri li jiffurmaw il-Kumitat Organizzattiv, magħmul minn President, Viċi-President, Segretarja u Ass. Segretarja, Teżoriera u Ass. Teżoriera, PRO., u Membri. Mingħajr it-tħabrik tal-membri, dawk ta' llum bħal dawk li ġew qabilhom, il-*Ladies Society* ċertament ma tkunx tista' twettaq il-ħidmiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet li bihom twaqqfet. Id-diffikultajiet qatt ma naqsu u mhux ser jonqsu 'il quddiem. Iżda dawn ma għandhomx jaqtgħu qalb il-membri, anzi għall-kuntrarju, għandhom isaħħuhielhom iżjed għax ilkoll nafu li kull ħidma tajba u qaddisa tiltaqa' mad-diffikultajiet li toħloq id-dinja.

Nifirħu lill-Membri kollha tal-*Ladies Society* f'għeluq l-għaxar snin ta' din il-Għaqda ħabrieka fi ħdan il-komunita' Parrokkjali tagħna. Nifirħulhom u nirringrazzjawhom għas-sagrifiċċji li għamlu tul dawn l-għaxar snin u għadhom qed jagħmlu. U nixtiequlhom snin oħra ta' ħidma b'risq il-Parroċċa ta' San Ġorġ u d-Djoċesi tagħna


*Il-Kumpanija TEATRU RJAL tippreżenta*

**IS-SALIB TAL-FIDDA**

**fit-Teatru ASTRA**

**nhar is-Sibt, 5 ta' Marzu '94**

**fis-7.00pm**

Jieħdu sehem atturi magħrufa

*fosthom:* Gemma Portelli, Mario Micallef, George Micallef, Marika Mizzi, Pawlu Micallef, Joe Attard, Phylisienne Brincat.

**LAFAYETTE**
**PHOTO STUDIO**

*For Professional Service*

11, St. George's Square,
Victoria, Gozo.
**Tel: 560733**


A+M PRINTING LTD. - QALA